MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 169/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Degiorgio**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Degiorgio talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bejn ix-xhur ta' Lulju 2010 u Jannar 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt biex jaghti lil martu Filippa Degiorgio u/jew lil uliedhom is- somma ffissata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Emanuel Degiorgio hati u kkundannatu xahrejn prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Emanuel Degorgio pprezentat fid-29 ta' Marzu 2012 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha u b'hekk tilliberah mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u fin-nuqqas li tinfliggi piena anqas harxa u idonea fic-cirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-imputazzjoni ma gietx ippruvata stante li martu qed tiehu s-sehem tieghu minn introjtu ta' kera ta' tliet postijiet li huma tal-komunjoni tal-akkwisti. Huwa qieghed jaghzel li majihux sehmu sabiex ikun hemm tpacija mal-hlas tal-manteniment; (2) li piena ta' detenzjoni fuq persuna li ma tistax thallas il-manteniment hi harxa wisq.

**6.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta illi l-appellant kien ammetta l-imputazzjoni dedotta u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif issa qieghed jikkontesta s-sejbien ta' htija permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu. Issa, fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun

tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Huwa l-kaz li jigi sottolineat ukoll li skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b’xi forma ta’ dritt jew awtomatikament, tissarraf f’riduzzjoni fil-piena.

**7.** M’hemmx dubju illi l-piena nflitta hi fil-parametri tal-ligi. Anzi jrid jinghad illi, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’zieda ta’ zewg gradi setghet sahansitra titla’ sa sitt xhur prigunerija.

**8.** Waqt sottomissjonijiet orali gie sottolineat mid-difensur ta’ l-appellant illi hemm proceduri ta’ separazzjoni ghaddejjin u mart l-appellant se tigi kkumpensata bi proprjeta` immobiljarja u ghalhekk huwa inutili li jmur il-habs. Qal ukoll illi l-manteniment prezentement dovut huwa f’ammont illi gie ridott wara li kien adixxa l-Qorti kompetenti.

**9.** Issa, bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri** deciz fit-18 ta’ Settembru 2002:

**“… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond’Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim’Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta’ manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn 1-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma’ tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta’ Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f’wahda ta’ revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta’ digrieti jew sentenzi tal-Prim’Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond’Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha.”**

**10.** Galadarba l-appellant kien diga` adixxa l-Qorti kompetenti u ottjena tnaqqis fil-manteniment li kellu jhallas, jekk ra li xorta ma setax ilehhaq mal-hlasijiet dovuti kellu jerga’ hekk jadixxi lil dik il-Qorti izda mhux

unilateralment ma jhallasx. Fil-fatt mill-fedina penali tieghu jirrizulta, almenu *prima facie*, li n-nuqqas ta' hlas huwa xi haga abitwali. L-appellant ma weriex illi pprova jaghmel xi haga biex jassigura l-hlas tal-manteniment. Ordnijiet tal-Qorti jridu jigu osservati. In-nuqqas ta' tali osservanza jwassal ghas-sanzjoni opportuna.

**11.** Issa, quddiem din il-Qorti hemm tliet processi li jirreferu ghal xhur differenti u f'kull kaz l-appellant inghata l-beneficcju tar-reat kontinwat. Din il-Qorti ma tistax, pero`, tinkorporahom fi process wiehed jew f'sentenza wahda. Bhalma qalet din il-Qorti ukoll diversament presjeduta (per l-Onor. Imhallef Vincent De Gaetano) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Galea** deciza fit-3 ta' Novembru 1995 (Vol. LXXIX.v.1678):

**"… din il-Qorti ma tistax tordna li t-tliet processi jew it-tliet sentenzi diga` moghtija jigu inkorporati fi process wiehed jew f'sentenza wahda – ebda disposizzjoni tal-ligi ma tawtorizzaha li jsir dan. L-uniku rimedju li tipprospetta l-ligi hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke l-Qorti ta' Prim'Istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawzi separati kellhom jigu ttrattati bhala reat kontinwat f'kawza wahda, il-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi."**

**12.** F'dan il-kaz hekk sejra taghmel din il-Qorti sabiex tiehu in konsiderazzjoni l-piena moghtija fiz-zewg sentenzi l-ohra (App. Nru. 168/12 u App. Nru. 170/12) u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**13.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Emanuel Degiorgio ghal xahrejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal xahar detenzjoni, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------